

ECHA/PR/15/14

REACH 2018: Sib il-koreġistranti tiegħek

Kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw l-istess sustanza jkunu jeħtieġu li jaħdmu flimkien biex jippreparaw ir-reġistrazzjoni tagħhom. Dan huwa obbligu taħt ir-Regolament REACH. Għaldaqstant, kumpaniji li qegħdin jippreparaw għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018 jeħtieġu li jsibu l-koreġistranti tagħhom u jistabbilixxu s-similarità tas-sustanzi kmieni biżżejjed.

Ħelsinki, is-17 ta' Novembru 2015 - *It-tieni fażi* lejn ir-reġistrazzjoni REACH b'suċċess titratta li jinstabu l-koreġistranti u li dawn jippreparaw biex jaħdmu flimkien. Kumpaniji jeħtieġ li jsibu lil xulxin, jaqblu li qegħdin jirreġistraw l-istess sustanza u jorganizzaw ruħhom f'forum ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanzi (SIEF)*. Kif dan jaħdem ikun jiddependi l-aktar minn jekk is-sustanza tiegħek hijiex diġà rreġistrata jew le. Dan jista' jiġi kkontrollat faċilment fis-sit web tal-ECHA.

Jekk is-sustanza diġà tkun irreġistrata, is-SIEF diġà jkun organizza kondiviżjoni tad-data. L-ewwel stadju hu li tikkuntattja lil registratori eżistenti f'dak is-SIEF partikolari u tikkonferma li s-sustanza kif maqbul f'dak is-SIEF hija l-istess. Wara, jkunu jistgħu jibdew in-negozjati għall-kondiviżjoni tad-dejta għar-reġistrazzjoni konġunta.

Jekk is-sustanza ma tkunx irreġistrata, il-preregistratori l-ewwel ikunu jeħtieġu li jistabbilixxu li għandhom il-ħsieb li jirreġistraw l-istess sustanza. Kumpaniji li jkunu prereġistraw l-istess sustanza jistgħu isibu l-informazzjoni ta' kuntatt ta' xulxin fl-għodda IT ta' REACH-IT. Jeħtieġ li jikkuntattjaw lil xulxin biex jaraw min ser jirreġistra u jekk is-sustanzi tagħhom humiex infatti l-istess. Jekk dak ikun il-każ, allura huma jkunu parti mill-istess SIEF.

Istruzzjonijiet pass pass dwar kif issib il-membri l-oħra tas-SIEF huma issa disponibbli fis-sit web tal-ECHA.

Webinar dwar it-tieni fażi tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018 ser iseħħ nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru fil-11:00 (ħin ta' Ħelsinki). Dan ser joffri għarfien bażiku dwar kif tirkupra prereġistrazzjonijiet f'REACH-IT u kif tikkontrolla jekk sustanza tkunx diġà ġiet irreġistrata. Ser jiggwida lil kumpaniji dwar kif isibu lir-reġistrant prinċipali jew lil koreġistranti. Il-parteċipanti jkollhom l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet lil esperti tal-ECHA.

L-isfond

L-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni REACH ser tkun fil-31 ta' Mejju 2018. Din l-iskadenza tikkonċerna kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi kimiċi f'volumi baxxi, bejn 1-100 tonnellata metrika kull sena.

* SIEF huwa grupp speċifiku li r-registratori u l-preregistratori tal-istess sustanza jkunu parti minnu. Jikkondividu data għar-reġistrazzjoni fis-SIEF.

F'Jannar 2015, l-ECHA ippubblikat il-Pjan Direzzjonali REACH 2018 tagħha, li jaqsam ir-reġistrazzjoni f'seba' fażijiet, u jiddeskrivi l-punti primarji ta' kull fażi u attivitajiet ta' sostenn li l-Aġenzija tippjana li tagħti lil reġistranti.

Il-kumpaniji għandhom jibdeu bil-preparazzjonijiet tagħhom kmieni biżżejjed. Il-paġni web REACH 2018 tal-ECHA iservu bħala punt uniku ta' servizz għall-materjal kollu biex jgħin lil kumpaniji fil-preparazzjonijiet tagħhom.

Aktar informazzjoni

Irreġistra issa: Webinar REACH 2018: Sib il-koreġistranti tiegħek u ppreparaw biex taħdmu flimkien

http://echa.europa.eu/mt/view-webinar/-/journal_content/56_INSTANCE_DdN5/title/reach-2018-find-your-co-registrants-and-prepare-to-work-together

Paġni web REACH 2018, infografika u fuljett

<http://echa.europa.eu/mt/reach-2018>

Sostenn – Reġistrazzjoni

<http://echa.europa.eu/mt/support/registration>

Sustanzi rreġistrati

<http://echa.europa.eu/mt/information-on-chemicals/registered-substances>

Nagħtu bidu għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi

<http://echa.europa.eu/mt/support/getting-started>

Uffiċċji tal-Infommazzjoni

<http://echa.europa.eu/mt/support/helpdesks/>

Bullettin tal-ECHA – REACH

<http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/tag/reach>

Materjal tal-isfond għall-mezzi tax-xandir

<http://echa.europa.eu/mt/press/press-material/pr-for-reach-2018>

REACH 2018 f'LinkedIn

<https://www.linkedin.com/company/reach-2018>

Twitter #REACH2018

<https://twitter.com/hashtag/reach2018>